Nru. 17,677
Prezz Lm1.28c
Price Lm1.28c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 16 ta' Novembru, 2004
Tuesday, 16th November, 2004

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 1165

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nri. 17,674 u 17,675 tad-9 u t-12 ta' Novembru, 2004 rispettivament.

A.L. Nru. 463 ta' l-2004: Att dwar it-Transazzjonijiet Esterni (Kap. 233); Regolamenti ta' l-2004 dwar Rappurtaġġ ta' Ċaqlieq ta' Flus.

A.L. Nru. 464 ta' l-2004: Att dwar il-Promozzjoni tan-Negozju (Kap. 325); Regolamenti ta' l-2004 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Promozzjoni tan-Negozju.

A.L. Nru. 465 ta' l-2004: Att ta' l-2003 dwar il-Mediċini (Att III ta' l-2003); Regolamenti ta' l-2004 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Mediċini (Awtorizazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq).

A.L. Nru. 466 ta' l-2004: Att dwar is-Servizzi Veterinarji, 2001 (Att Nru. XXIII ta' l-2001); Regolamenti ta' l-2004 dwar l-Approvazzjoni ta' Postijiet ta' Spezzjoni fuq il-Fruntiera responsabbli għal verifiki veterinarji fuq prodotti introdotti fil-Komunità Ewropea minn Pajjiżi Terzi permezz ta' Post ta' Spezzjoni fuq il-Fruntiera f'Malta.

A.L. Nru. 467 ta' l-2004: Att dwar is-Servizzi Veterinarji (Kap. 437); Regolamenti ta' l-2004 dwar Proċeduri għall-Verifik Veterinarji fuq Postijiet ta' Spezzjoni fuq il-Fruntiera ġewwa t-Territorju ta' Malta għal Prodotti Importati minn Pajjiżi Terzi.

GOVERNMENT NOTICES

No. 1165

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette Nos. 17,674 and 17,675 of the 9th and 12th November 2004 respectively.

L.N. No. 463 of 2004: External Transactions Act (Cap. 233); Reporting of Cash Movments Regulations, 2004.

L.N. No. 464 of 2004: Business Promotion Act (Cap. 325); Business Promotion (Amendment) Regulations, 2004.

L.N. No. 465 of 2004: Medicines Act, 2003 (Act III of 2003); Medicines (Marketing Authorisation) (Amendment) Regulations, 2004.

L.N. No. 466 of 2004: Veterinary Services Act, 2001 (Act No. XXIII of 2001); Approval of Border Inspection Posts responsible for Veterinary Checks on Products introduced into the European Community from Third Countries via a Border Inspection Post in Malta Regulations, 2004.

L.N. No. 467 of 2004: Veterinary Services Act (Cap. 437); Procedures for Veterinary Checks at Border Inspection Posts on the Territory of Malta on Products Imported from Third Countries Regulations, 2004.

A.L. Nru. 468 ta' l-2004: Att ta' l-2001 dwar is-Servizzi Veterinarji, 2001 (Att Nru. XXIII ta' l-2001); Regolamenti ta' l-2004 dwar il-Kondizzjonijiet ta' Saħħa ta' l-Annimali li Jirregolaw il-Kummerċ Intra-Komunitarju u l-Importazzjonijiet minn Pajjiżi terzi ta' Laham tat-Tjur Frisk.

L.N. No. 468 of 2004: Veterinary Services Act 2001 (Act No. XXIII of 2001); Animal Health Conditions Governing Intra-Community Trade and Imports from Third Countries of Fresh Poultry Meat Regulations, 2004.

A.L. Nru. 469 ta' l-2004: Att ta' l-2001 dwar is-Servizzi Veterinarji (Att Nru. XXIII ta' l-2001); Regolamenti ta' l-2004 dwar Prodotti Mediċinali Veterinarji.

L.N. No. 469 of 2004: Veterinary Services Act 2001 (Act No. XXIII of 2001); Veterinary Medicinal Products Regulations, 2004.

A.L. Nru. 470 ta' l-2004: *Plant Quarantine Act, 2001 (Act No. XVIII of 2001); Propagation Material of Vines Regulations, 2004.*

L.N. No. 470 of 2004: Plant Quarantine Act, 2001 (Act No. XVIII of 2001); Propagation Material of Vines Regulations, 2004.

A.L. Nru. 471 ta' l-2004: *Plant Quarantine Act, 2001 (Act No. XVIII of 2001); Control of Potato Cyst Eelworm Regulations, 2004.*

L.N. No. 471 of 2004: Plant Quarantine Act, 2001 (Act No. XVIII of 2001); Control of Potato Cyst Eelworm Regulations, 2004.

Is-16 ta' Novembru, 2004

16th November, 2004

Nru. 1166

IL-PRESIDENT TA' MALTA JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-President ta' Malta rritorna Malta fit-12 ta' Novembru, 2004, u reġa' daħal għall-qadi tad-dmirijiet tal-kariga tiegħu ta' President.

Dott. George Hyzler ma baqax jaqdi l-funzjonijiet ta' President mal-wasla lura f'Malta tal-President.

Is-16 ta' Novembru, 2004

No. 1166

RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRESIDENT OF MALTA

IT is notified for general information that the President of Malta returned to Malta on the 12th November, 2004, and has resumed the functions of the Office of The President.

Dr George Hyzler has ceased to perform the functions of President from the time of the President's arrival in Malta.

16th November, 2004

Nru. 1167

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (TAXXI INTERNI)

IS-SEGRETARJU Permanenti, Ministeru tal-Finanzi approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

No. 1167

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (INLAND REVENUE)

THE Permanent Secretary, Ministry of Finance, has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Mr Anthony Imbroll	Direttur Ġenerali *Director General*	Taxxi Interni *Inland Revenue*	11 - 13.11.2004

Is-16 ta' Novembru, 2004

16th November, 2004

Nru. 1168

SEGRETARJI TAL-KUNSILLI LOKALI

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, skond is-sub-artikolu (1) ta' l-artikolu 49 ta' l-Att dwar il-Kunsilli Lokali (Kap. 363), il-Kunsill Lokali b'konsultazzjoni mall-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern approva illi l-persuna msemmija hawn taħt sabiex tkun nominata mill-ġdid Segretarju Eżekuttiv ta' dak il-Kunsill Lokali:–

Lokalità tal-Kunsill Lokali	*Segretarju*
Żejtun	Reuben Seychell

Il-11 ta' Novembru, 2004

No. 1168

LOCAL COUNCILS SECRETARIES

IT is hereby notified for general information that, in terms of sub-section (1) of section 49 of the Local Councils Act (Cap. 363), the Local Council, after consultation with the Minister for Justice and Home Affairs, has approved that the following person be re-appointed Executive Secretary of that Local Council:–

Local Council (Locality)	*Secretary*
Żejtun	Reuben Seychell

11th November, 2004

Nru. 1169

'WARRANT' MID-DEPUTAT PRIM MINISTRU U MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA U L-INTERN

NGĦARRFU illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu (3) ta' l-Ordinanza dwar il-Kummissjunarji b'setgħa li jagħtu Ġurament (Kap. 79), il-Ministru għall-Ġustizzja ħatar bħala Kummissjunarji bis-setgħa li jagħtu Ġurament, fil-qadi tad-doveri tagħhom u sakemm jibqgħu fil-kariga, u/jew għall-perjodu indikat fl-istess ħatra, liema minnhom tiġi l-ewwel, lill-imsemmija hawn taħt:

Pulizija
WPC 5 Stephanie Vella
WPC 8 Stephanie Bugeja
WPC 42 Rosanne Borg
WPC 74 Romina Oliveri
WPC 82 Miriam Muscat

B'Awtorità

TONIO BORG
Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Ġustizzja u l-Intern

Is-16 ta' Novembru, 2004
(MJHA/144/2003/II)

No. 1169

WARRANT BY THE DEPUTY PRIME MINISTER AND MINISTER FOR JUSTICE AND HOME AFFAIRS

IT is notified that, in exercise of such powers as provided by Section (3) of the Commissioners for Oaths Ordinance (Cap. 79) the Minister for Justice appointed as Commissioner for Oaths, whilst performing such functions and as long as they continue in that capacity, and/or for the period indicated in the same appointment, whichever is the earlier, the undermentioned:

Police
WPC 5 Stephanie Vella
WPC 8 Stephanie Bugeja
WPC 42 Rosanne Borg
WPC 74 Romina Oliveri
WPC 82 Miriam Muscat

By Authority

TONIO BORG
Deputy Prime Minister and Minister for Justice and Home Affairs

16th November, 2004

Nru. 1170

ISMIJIET TA' TOROQ F'MALTA

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-Artikolu 22 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap. 10), il-Ministru tal-Ġustizzja u Intern ordna li t-toroq speċifikati fl-ewwel kolonna ta' din l-iskeda għandhom jiġu msemmija mill-ġdid kif speċifikat fit-tieni kolonna ta' l-istess skeda msemmija.

No. 1170

NAMING OF STREETS IN MALTA

IN exercise of the powers conferred by Section 22 of the Code of Police Laws (Cap. 10), the Minister for Justice and Home Affairs has directed that the streets specified in the first column of the subjoined schedule be renamed as specified in the second column of the schedule.

SANTA LUĊIJA

It-trejqa li tgħaqqad Triq Ineż Soler ma' Triq il-Lellux tissemma.....	TREJQET L-IBISKU
It-trejqa ta' bejn Blokk 14 u Blokk 15 tissemma.....	TREJQET IS-SARDINELL
It-trejqa li tgħaqqad Triq it-Tulipan ma' ftit 'l isfel minn fejn tiżbokka ġo fiha Triq il-Vjoli u li tgħaddi minn wara Blokk 10 u Blokk 11 tissemma.....	TREJQET L-ISTELLA MARIS
It-trejqa li tgħaqqad Triq it-Tulipan ma' Triq il-Vjoli u li tgħaddi minn wara d-djar f'Dawret it-Torri tissemma.....	TREJQET IL-PETUNJA

ĦAŻ-ŻABBAR

It-triq li tgħaqqad Triq Tal-Ħofra ma' Triq il-Magħsar u magħrufa bħala triq ġdida fi Triq tal-Ħofra tissemma.....	TRIQ PATRI TADDEW SCHEMBRI MISSJUNARJU KAPUĊĊIN 1940 - 2003
Triq ġdida fi Triq iċ-Ċimiterju li tiżbokka fl-istess triq faċċata ta' fejn tibda Triq l-Għadira tissemma.....	TRIQ DUN FRANS BUHAGIAR 1918 - 2001
It-triq li tgħaqqad Triq Ħadd in-Nies ma' Triq Villabate (l-eqreb lejn Triq San Ġużepp tissemma.....	TRIQ L-ISTELLARJU 2 TA' SETTEMBRU 2001

IL-MOSTA
Bdil fl-Isem

L-isem ta' parti minn Triq Nicolò Isouard bejn Triq il-Kostituzzjoni safejn tiżbokka Triq il-Lunzjata tissemma.....	PJAZZA S-16 TA' SETTEMBRU JUM IL-MOSTA

Prolungament u Kjarifika

It-triq li ngħaqdet ma' Triq il-Ħtajriet u tibqa' sejra safejn tiżbokka Triq Walter L. Salamone tissemma.....	TRIQ IL-ĦTAJRIET

Is-16 ta' Novembru, 2004

16th November, 2004

Nru. 1171

AVVIŻ GĦALL-GĦANIJIET TA' L-ATT TA' L-1996 DWAR GWARDJANI PRIVATI U LOKALI (ATT NRU. XIII TA' L-1996)

IL-KUMMISSARJU tal-Pulizija, skond l-artikoli 7 u 8 ta' l-Att ta' l-1996 dwar Gwardjani Privati u Lokali, b'din jgħarraf li rċieva dawn l-applikazzjonijiet kif imsemmija hawn taħt:

No. 1171

NOTICE IN TERMS OF THE PRIVATE GUARDS AND LOCAL WARDENS ACT, 1996 (ACT NO. XIII OF 1996)

THE Commissioner of Police, in terms of sections 7 and 8 of the Private Guards and Local Wardens Act, 1996, hereby notifies that the following applications as mentioned hereunder have been received:

Applikazzjoni għal-liċenza Gwardjani Privati
Application for licence of a Private Guard

Isem u kunjom *Name and Surname*	Nru. tal-Karta ta' l-Identità *Identity Card No.*	Indirizz *Address*
Matthew Galea	571084 (M)	"Ideal", Flat 2, Triq l-Isqof F.S. Caruana, Msida
Alfred Zammit	308870 (M)	133, Triq it-Tarzna, Paola
Keith Scerri	273781 (M)	17, Triq Ġuże Pace, Santa Venera
Lee Caruana	535984 (M)	"Star Gazer", Triq tas-Silġ, Marsaxlokk
Dominic Spencer	443400 (L)	14, "St Anthony", Triq Simpson, Marsa
Sandro Lawrence Carlo Perici	109104 (L)	"Capbonfar", Flat 4, Triq l-Iskuna, San Pawl il-Baħar
Marouska Assunta Cutajar Vella	194582 (M)	111, "Qalb ta' Ġesu", Triq l-Imriekeb, Marsaskala
Carmel Desira	513752 (M)	Flat 1, Tal-Palazz l-Aħmar, Bini tal-Gvern, Blokk F, Santa Venera
Anthony Mansueto	428144 (M)	"Unicorn", Triq Misraħ il-Barrieri, Msida
Clint Darmanin	356086 (M)	Blokk 4, Flat 3, Appartamenti tal-Karwija, Kirkop
David Green	95104 (L)	6, "Sebastian Court", Triq it-Turisti, Qawra
Romina Gilford	522872 (M)	70, Triq il-Lunzjata, Santa Venera

Raymond Caruana	262962 (M)	67, Triq San Filippu, Għaxaq
Lee Anders Shead	242186 (M)	"Guido", Flat 1, Triq il-Wilga, Luqa
Natalie Dalli	38576 (M)	"Victoria", Triq il-Belt Valletta, Qormi
Joseph Attard	565859 (M)	73, Triq Sir Charles Cameron, Gżira
Lucio Attard	354467 (M)	6, "St. Rita", Flat 4, Triq l-Ewkaliptus, San Ġwann

Kull persuna tista', fi żmien xahar mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż, toġġezzjona bil-miktub lill-Kummissarju dwar il-ħruġ ta' dawn il-liċenzi għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 10 ta' l-Att ta' l-1996 dwar Gwardjani Privati u Lokali, li huma:

(a) meta l-applikant jew xi uffiċjali ta' l-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu pprovduti mill-applikant.

(i) tkun instabet ħatja f'Malta jew x'imkien ieħor ta' xi delitt kontra s-sigurtà ta' l-istat, jew ta' xi offiża volontarja fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra proprjetà jew kontra l-fiduċja pubblika jew ta' xi delitt gravi ieħor; jew

(ii) tkun iddikjarata falluta jew meta l-qagħda finanzjarjatagħha tkun prekarja jew xort' oħra tagħmel lill-applikant mhux adattat; jew

(iii) tkun tkeċċiet mill-pulizija jew mill-forzi armati jew mis-servizz tal-ħabs minħabba xi reat jew xi nuqqas ieħor fl-imġiba; jew

(iv) tkun uffiċjal pubbliku jew membru tal-Pulizija jew tal-forzi armati jew tas-servizz tal-ħabs; jew

(b) dwar xi tagħrif li jkun ta' interess pubbliku; jew

(ċ) meta l-applikant ma jkollux il-kwalifiki meħtieġa kif jista' jkun preskritt bl-Att jew taħtu.

Is-16 ta' Novembru, 2004

Any person may, within one month from the publication of this notice, object in writing to the Commissioner about the issue of the above licences on any of the grounds listed in section 10 of the Private Guards and Local Wardens Act, 1996, which are:

(a) where the applicant or any officer of the applicant or any person who has an effective control of the services to be provided by the applicant.

(i) has been convicted in Malta or elsewhere of any crime against the safety of the state, or of any crime of voluntary harm or injury to any person or any crime against property or public trust or any other serious crime; or

(ii) has been declared bankrupt or his financial position is precarious or otherwise renders the applicant unsuitable; or

(iii) has been discharged from the police or armed forces or the prison services because of any offence or other misbehaviour; or

(iv) is a public officer or a member of the police or armed forces or the prison services; or

(b) when information is available which is in the public interest; or

(c) where the applicant does not possess the necessary qualifications as may be prescribed by or under the Act.

16th November, 2004

Nru. 1172

ATT DWAR IL-LIĊENZI TAL-KUMMERĊ (KAP. 441)

REGOLAMENTI DWAR IL-LIĊENZI TAL-KUMMERĊ 2002

SKOND ID-DISPOŻIZZJONIJIET TAR-REGOLAMENT 8 TAR-REGOLAMENTI DWAR IL-LIĊENZI TAL-KUMMERĊ 2002, IS-SEZZJONI GĦAL LIĊENZAR TAL-KUMMERĊ QIEGĦDA HAWNHEKK TIPPUBBLIKA AVVIŻI TA' L-APPLIKAZZJONIJIET LI ĠEJJIN:

No. 1172

TRADING LICENCES ACT (CAP. 441)

Trading Licences Regulations 2002

IN terms of the provisions of regulation 8 of the Trading Licences Regulations 2002, the Trade Licensing Unit is hereby publishing a notice of the following applications:

Nru. tar-riferenza *Reference No.*	Isem ta' l-applikant *Name of Applicant*	Indirizz tal-post kummerċjali *Address of the commercial premises*	Attività kummerċjali *Commercial activity*	Kodiċi tal-Klassi *Type Code*	Data *Date*
CD/3209/2004 Pt 96	Joseph Cacciattolo	'Green Acres' 103C, Wied Ħal Balzan Balzan	Kategorija I - Proċessar, manifattura u bejgħ ta' prodotti ta' ikel u xorb *Category I - Processing, manufacturing and sale of food products and beverages*	52.11 52.21 52.24 52.27	11.11.04
CD/3209/2004 Pt 389	Anthony Mallia	La Dolce Pasticceria 'Angelica' 1, Triq Emanuel Schembri Birkirkara	Kategorija I - Proċessar, manifattura u bejgħ ta' prodotti ta' ikel u xorb *Category I - Processing, manufacturing and sale of food products and beverages*	52.24	10.11.04
CD/3209/2004 Pt 390	Gerald Zammit	'Baby World' 6, Princess Margaret Street Msida	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.42 52.44 52.48.13	08.11.04

Nru. tar-riferenza *Reference No.*	Isem ta' l-applikant *Name of Applicant*	Indirizz tal-post kummerċjali *Address of the commercial premises*	Attività kummerċjali *Commercial activity*	Kodiċi tal-Klassi *Type Code*	Data *Date*
CD/3209/2004 Pt 391	Peter Merkel	Innomatik Development Ltd KW 18C, Qasam Industrijali Kordin Paola	Kategorija II - Attivitajiet tal-manifattura *Category II - Manufacturing activities*	36.6	10.11.04
CD/3209/2004 Pt 392	Joseph Said	Joe's Shoe Repair 13, Triq ir-Rużell Attard	Kategorija VI - Servizzi soċjali u personali *Category VI - Social and personal services*	93.05	10.11.04
CD/3209/2004 Pt 393	Vincent Pisani	'Sweet Corner' Triq Sir Hilderbrand Oakes Gżira	Kategorija I - Proċessar, manifattura u bejgħ ta' prodotti ta' ikel u xorb *Category I - Processing, manufacturing and sale of food products and beverages*	52.24	10.11.04

Kull persuna li għandha interess, tista' tagħmel oġġezzjonijiet jew ilmenti kontra l-għoti ta' liċenza fuq kwistjonijiet ta' kummerċ biss. Kull oġġezzjoni jew ilment għandu jingħata bil-miktub lis-Sezzjoni Liċenzi tal-Kummerċ, Direttorat għas-Servizzi tal-Kummerċ, Diviżjoni għall-Kummerċ, Lascaris, Valletta, fi żmien għaxart ijiem mid-data li tidher hawn taħt.

Any person showing an interest may file an objection or make representations against the grant of this licence only on trade issues. Such objections or representation may be filed in writing at the Trading Licences Unit, Trade Services Directorate, Commerce Division, Lascaris, Valletta, within ten days from the date shown below.

Is-16 ta' Novembru, 2004

16th November, 2004

Nru. 1173

REĠISTRU TA' L-ARTIJIET

B'dan qed ngħarraf li avviż dwar depożitu ta' kawzjoni bin-numru indikat hawn isfel u li tolqot il-propjetajiet reġistrati bit-titoli indikati hawn taħt, intbagħat permezz ta' ittra rreġistrata mmarkata u indirizzata lill-persuni indikati f'Artikolu 50 ta' l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni ta' l-Artijiet (Kap. 296), liema avviż ġie ritornat lir-Reġistru ta' l-Artijiet.

Dan l-avviż għandu jitqies bħala avviż notifikat, għall-fini kollha tal-liġi, kif stipulat mir-Regolamenti dwar it-Reġistrazzjoni ta' l-Artijiet.

No. 1173

LAND REGISTRY

Notice is hereby given that a notice of lodgement of a caution with the number indicated below and which affects property registered by the titles hereunder indicated has been forwarded by means of a registered letter marked and addressed to persons indicated in Article 50 of the Land Registry Act (Cap. 296), which letter has been returned to the Land Registry.

This notice shall, for all intents and purposes, be deemed to be a notice duly served in terms of the Land Registration Rules.

Nru. tal-Kawzjoni *Caution No.*	Indirizz ta' min qed jiġi notifikat *Address of notified person*	Titolu Nru. *Title No.*
LRC1870/04	Jean Bonnici 12 Belveder Street Gżira	09000892 09000923
LRC1870/04	Paul Sciberras 193 Triq Xambekk Marsaxlokk	09000892 09000923
LRC1870/04	Judy Degiorgio Casabella Dr Chetcuti Street Mosta	09000892 09000923
LRC1870/04	Yvonne Mallia Ave Maria Triq l-Almeridja Birkirkara	09000892 09000923

Stephanie Pappalardo, LL.D.
Reġistratur ta' l-Artijiet

Stephanie Pappalardo, LL.D.
Land Registrar

Is-16 ta' Novembru, 2004

16th November, 2004

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Ingaġġ fuq Kuntratt fil-Pożizzjoni ta' *Programme Manager* (Diviżjoni għall-Ippjanar u Ko-Ordinazzjoni tal-Prijoritajiet) fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' *Programme Manager* (Diviżjoni għall-Ippjanar u Ko-ordinazzjoni tal-Prijoritajiet) fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru. Id-Diviżjoni għall-Ippjanar u Ko-ordinazzjoni tal-Prijoritajiet hi responsabbli mill-ko-ordinament tal-fondi ta' pre-adeżjoni fl-UE u l-fondi ta' Tranżizzjoni, kif ukoll mill-ipprogrammar u l-ko-ordinament tal-Fondi Strutturali u ta' Koeżjoni ta' l-UE u l-Fond Ewropew ta' Solidarjetà.

2. Il-persuni magħżula jkunu mistennija li jidħlu f'kuntratt ta' tliet snin bħala *Programme Manager* (Diviżjoni għall-Ippjanar u Ko-ordinazzjoni tal-Prijoritajiet), liema kuntratt jista' jiġġedded għal perjodi oħra ta' tliet snin fuq bażi ta' servizz sodisfaċenti u riżultati pożittivi. F'każ ta' riżultati mhux sodisfaċenti bħala *Programme Manager* (Diviżjoni għall-Ippjanar u Ko-ordinazzjoni tal-Prijoritajiet) matul il-perjodu tal-kuntratt, il-kuntratt jintemm.

3. Jekk il-persuni magħżula jkunu Uffiċjali fis-Servizz Pubbliku ta' Malta huma jżommu l-grad sustantiv tagħhom waqt il-perjodu tal-kuntratt u jerġgħu lura għal dan il-grad sustantiv meta l-kuntratt jintemm. Fil-każ li l-persuni magħżula ma jkunux Uffiċjali fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, is-servizz tagħhom mad-Diviżjoni għall-Ippjanar u Ko-ordinazzjoni tal-Prijoritajiet kif ukoll mal-Gvern Malti jintemm f'każ li ma jiġix imġedded jew jintemm il-kuntratt.

4. Jekk il-persuni magħżula jkunu Uffiċjali fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, u matul il-perjodu tal-kuntratt, jinħatru fi grad bi skala ta' salarju ogħla minn skala 7, huma jkunu meħtieġa li jirrinunzjaw id-dmirijiet ta' *Programme Manager* (Diviżjoni għall-Ippjanar u Ko-ordinazzjoni tal-Prijoritajiet) u jkunu trasferiti għad-drittijiet relatati mal-grad il-ġdid tagħhom.

5. Is-salarju għal din il-pożizzjoni huwa ekwivalenti għall-massimu ta' Skala ta' Salarju 7 (bħalissa Lm7,888). F'każ li l-persuni magħżula jkunu Uffiċjali fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, id-differenza bejn is-salarju dovut għall-grad sustantiv tagħhom u s-salarju dovut għall-pożizzjoni, titħallas bħala *allowance* mhux pensjonabbli.

6. Jista' jitħallas *Performance Bonus* sa massimu ta' 10% tas-salarju. Ir-rata attwali tiġi stabbilita skond id-diskrezzjoni tad-Direttur Ġenerali (Diviżjoni għall-Ippjanar u Ko-ordinazzjoni tal-Prijoritajiet).

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Engagement on Contract in the Position of Programme Manager (Planning and Priorities Co-Ordination Division) in the Office of the Prime Minister

The Public Service Commission invites applications for the position of Programme Manager (Planning and Priorities Co-ordination Division) in the Office of the Prime Minister. The Planning and Priorities Co-ordination Division is responsible for the co-ordination of the EU pre-accession and Transition Facility funds and also for the programming and co-ordination of the EU Structural and Cohesion Funds and the EU Solidarity Fund.

2. The selected candidates will be expected to enter into a three-year performance contract as a Programme Manager (Planning and Priorities Co-ordination Division) in the Office of the Prime Minister, which may be renewed thereafter for periods of three years subject to satisfactory performance and positive results. Unsatisfactory performance as a Programme Manager during the contract period will lead to termination of contract.

3. If the selected candidates are Public Officers in the Malta Public Service they will retain their substantive grade during the contractual period and will return to their substantive grade on the termination of the contract. In the case of appointees who are not Public Officers in the Malta Public Service, their service with the Planning and Priorities Co-ordination Division as well as with the Maltese Government will be terminated in the event that their contract is not renewed or is terminated.

4. If the selected candidates are Officers in the Malta Public Service and, during the contract period, are appointed to a grade with a salary scale higher than Scale 7, they will be required to relinquish the duties of Programme Manager (Planning and Priorities Co-ordination Division) and be transferred to duties pertinent to their new grade.

5. The salary attached to this position is equivalent to the maximum point of Salary Scale 7 (currently Lm7,888). In the case that the selected applicants are Public Officers in the Malta Public Service, the difference between the salary to which the selected officers are entitled by virtue of their substantive grade and the salary of the position will be paid as a non-pensionable allowance.

6. A Performance Bonus of up to 10% of the salary may be payable. The actual rate will be established at the discretion of the Director General, Planning and Priorities Co-ordination Division.

7. *Programme Manager* li jkun responsabbli lejn membri oħra anzjani tal-grupp li jkun jagħmel sehem minnu, ikun mistenni primarjament li:-

(a) imexxi, jissorvelja u jikkoordina proġetti ko-finanzjati mid-diversi Fondi Komunitarji jew skond Ftehim Bilaterali;

(b) jagħmel spezzjonijiet fuq il-post ta' proġetti li jkunu fi stadju ta' twettiq;

(ċ) jipparteċipa f'kumitati ta' tmexxija ta' proġetti, f'kumitati ta' għażla ta' proġetti u f'kumitati ta' evalwazzjoni ta' proġetti;

(d) tikkoordina mal-Korpi Intermedjarji, mal-Benefiċċjarji Finali/Aġenziji Implimentattivi u mal-Kumitat dwar Proġetti Reġjonali (Għawdex) skond il-ħtieġa;

(e) jikkoordina man-*National Authorising Officer*/*Paying Authority,* mad-Dipartiment tal-Kuntratti u mat-Teżor dwar kwistjonijiet relatati ma' l-implimentazzjoni ta' proġetti;

(f) jieħu sehem f'Kumitati ta' Sorveljanza;

(ġ) jaqdi dmirijiet relatati ma' programmi ta' pubbliċità;

(ħ) jaqdi dmirijiet relatati ma' materji ta' politika u ta' ġbir ta' informazzjoni;

(i) jipparteċipa f'xogħol ta' riċerka;

(j) jipparteċipa fit-tħejjija ta' rapporti (rapporti dwar sorveljanza), verifika ta' nfiq u dokumenti oħra skond ma jkun hemm bżonn;

(k) jipparteċipa f'konferenzi u laqgħat, kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta, jekk dawn jaqgħu fil-qasam ta' kompetenza tiegħu;

(l) jaqdi dmirijiet amministrattivi.

Aktar informazzjoni dwar din il-pożizzjoni tista' tinkiseb mid-Diviżjoni għall-Ippjanar u Ko-ordinazzjoni tal-Prijoritajiet, Uffiċċju tal-Prim Ministru, Berġa ta' Kastilja, Valletta.

8. L-applikanti għandhom:

(a) ikunu ċittadini Maltin jew ċittadini ta' xi pajjiż membru ta' l-Unjoni Ewropea;

(b) ikuni kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u dik Ingliża;

(ċ) ikollhom, jew għandhom l-approvazzjoni ta' Università rikonoxxuta għall-għoti ta' *post-graduate degree* fil-*European studies* jew fil-*Management studies* jew fil-*Business studies* jew fil-Komunikazzjonijiet jew fl-istudji Legali jew f'suġġett relatat,

JEW

ikollhom Baċellerat f'dawn is-suġġetti u mill-anqas tliet (3) snin esperjenza ta' xogħol f'oqsma relatati;

7. A Programme Manager who will report to other senior members of the team will be required to:

(a) manage, monitor and co-ordinate projects under the different Community/Bilateral Financial Instruments;

(b) carry out on-the-spot checks with respect to ongoing projects;

(c) participate in project steering, project selection and project evaluation committees;

(d) liaise with the Final Beneficiaries/Implementing Agencies, Intermediate Bodies, and/ or with the Regional Projects Committee (Gozo) as required;

(e) liaise with the National Authorising Officer/Paying Authority, the Department of Contracts and the Treasury on issues relating to the implementation of projects;

(f) participate in the relevant Monitoring Committees;

(g) oversee the implementation of publicity programmes;

(h) perform duties related to policy matters and the compilation of data;

(i) participate in research work;

(j) be involved in the drawing up of reports (monitoring reports), verification of expenditure and other documents as may be required;

(k) participate in conferences or meetings, local or abroad, if such conference or meeting falls within the officer's activities;

(l) carry out administrative duties.

Further details of the job description of the position may be obtained from the Planning and Priorities Co-ordination Division, Office of the Prime Minister, Auberge de Castille, Valletta.

8. Applicants must be:

(a)
citizens of Malta or of a European Union member state;

(b) able to communicate in the Maltese and English languages;

(c) in possession of, or have been approved by a recognised University for the award of, a post-graduate degree in European studies or Management studies or Business studies or Communications or Legal studies or in a related area,

OR

a first degree in these subjects plus at least (3) three years work experience in a related area;

(d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma diġà impjegati fis-Servizz Pubbliku għandhom jippreżentaw il-formola *Service and Leave Record (GP 47);* applikanti oħra għandhom jippreżentaw ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew minn awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa ta' dawn l-applikazzjonijiet, kif ukoll jgħidu qatt kinux impjegati tal-Gvern ta' Malta u jagħtu dettalji).

(d) of good moral character; (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than six months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Maltese Government Service, giving details).

9.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond Taqsima 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibilità għall-pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-pożizzjoni fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

9.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Section 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this position provided that they can carry out, in essence, the duties related to the position and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

9.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibilità u għaliex huma misthoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lill-Ministeru riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

9.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicants to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Department and copied to the NCPD.

10.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti eliġibbli biex jitqies min ikun adattat għal din il-pożizzjoni.

10.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the position.

10.2. Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tippubblika r-riżultat ta' l-intervisti. Kopji tar-riżultat jiġu esebiti fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, Uffiċċju tal-Prim Ministru. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tar-riżultat.

10.2. The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice board of the Office of the Public Service Commission and that of the Department of Corporate Services, Office of the Prime Minister. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the result.

11. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

11. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and\or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

12. Il-persuni magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi żgurat li huma adatti għal din il-pożizzjoni.

12. Selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the position.

13. Malli jkunu ngaġġati l-persuni magħżula jintrabtu bil-kundizzjonijiet kif hemm stipulat fil-kuntratt li japplika għal dawk li huma uffiċjali pubbliċi fuq bażi ta' kuntratt jew li

13. On engagement, the selected applicants will be bound by the terms and conditions stipulated in the contracts for Public Officers on a contractual basis/Public Officers in a

huma uffiċjali pubbliċi fi grad sustantiv, liema kuntratti jidhru f'Appendiċi VIII u IX tal-*Public Service Mangement Code*. Il-*Public Service Management Code* qiegħed fuq il-*website* ta' l-MPO fl-indirizz:- http://www.mpo.gov.mt

14. Il-persuni magħżula jistgħu jkunu meħtieġa li jattendu korsijiet f'Malta jew barra minn Malta skond kif meħtieġ mid-Direttur Ġenerali (Diviżjoni għall-Ippjanar u Ko-ordinazzjoni tal-Prijoritajiet).

15. Il-persuni magħżula li jsiefru biex jagħmlu korsijiet jintrabtu bil-kundizzjonijiet relevanti skond il-*Malta Public Service Management Code*.

16. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* li jindika l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali (Diviżjoni għall-Ippjanar u Ko-ordinazzjoni tal-Prijoritajiet) fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, Berġa ta' Kastilja, Valletta CMR 02 sa mhux aktar tard minnofsinhar tal-Ġimgħa, l-10 ta' Diċembru 2004.

17. Formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites:*-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

jew jinkisbu mingħand id-Direttur Ġenerali, Diviżjoni għall-Ippjanar u l-Ko-ordinazzjoni tal-Prijoritajiet, Uffiċċju tal-Prim Ministru, Berġa ta' Kastilja, Valletta

18. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz tal-*fax* jew xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand id-Diviżjoni għall-Ippjanar u Ko-ordinazzjoni tal-Prijoritajiet aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq, flimkien ma' spjegazzjoni għad-dewmien. (In-numru tal-*fax* tad-Diviżjoni għall-Ippjanar u Ko-ordinazzjoni tal-Prijoritajiet huwa +356 21255028).

19. (a) Tingħata rċevuta minnufih mid-Direttur Ġenerali (Diviżjoni għall-Ippjanar u Ko-ordinazzjoni tal-Prijoritajiet) għal kull applikazzjoni li titwassal.

19. (b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Tintbagħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet mid-Direttur Ġenerali (Diviżjoni għall-Ippjanar u Ko-ordinazzjoni tal-Prijoritajiet).

Is-16 ta' Novembru, 2004

substantive grade, as applicable, included as Appendices VIII and IX respectively in the Public Service Management Code accessible from the MPO website at address:- http://www.mpo.gov.mt

14. Selected applicants may be required to attend courses in Malta or abroad as determined by the Director General, Planning and Priorities Co-ordination Division.

15. Selected applicants proceeding abroad to follow courses will be bound by the relevant conditions laid down in the Malta Public Service Management Code.

16. Applications together with a curriculum vitae indicating qualifications and experience will be received in the first instance by the Director General (Planning and Priorities Co-ordination Division), Office of the Prime Minister, Auberge de Castille, Valletta CMR 02 by not later than noon of Friday, 10th December 2004.

17. Application forms may be downloaded from the following websites:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

or obtained from the Director General, Planning and Priorities Division, Office of the Prime Minister, Auberge de Castille, Valletta CMR 02.

18. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Planning and Priorities Co-ordination Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. (The fax number of the receiving Planning and Priorities Co-ordination Division is +356 21255028).

19. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director General, Planning and Priorities Co-ordination Division and a receipt given in hand at the time of delivery.

19. (b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Director General, Planning and Priorities Co-ordination Division, within seven (7) days.

16th November, 2004

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' *Economics Officer* fid-Diviżjoni għall-Politika Ekonomika fil-Ministeru tal-Finanzi

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-postijiet ta' *Economics Officer* fid-Diviżjoni għall-Politika Ekonomika fil-Ministeru tal-Finanzi.

2. Il-post ta' *Economics Officer* għandu salarju ta' Lm5,416 fis-sena, li jiżdied b'Lm175 fis-sena sa massimu ta' Lm6,466 (Skala ta' Salarju 10).

2.1 Persuna fil-grad ta' *Economics Officer* titla' fi Skala 9 (Lm5,750 x Lm192 - Lm6,902) wara li tagħlaq sentejn servizz fil-grad, u jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.2 Persuna fil-grad ta' *Economics Officer* tiġi promossa għall-grad ta' *Senior Economics Officer* fi Skala 8 (Lm6,120 x 209 - Lm7,374) wara għaxar (10) snin servizz fil-grad ta' *Economics Officer,* jew tmien (8) snin jekk ikollha xi kwalifika ta' wara l-gradwazzjoni rikonoxxuta, dejjem jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti. Persuna fil-grad ta' *Senior Economics Officer* titla' fi Skala 7 (Lm6,520 x 228 - Lm7,888) wara sentejn (2) servizz fil-grad, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.3 Il-persuni nominati jkunu ntitolati għall-benefiċċji l-oħra u suġġetti għall-kundizzjonijiet u obbligazzjonijiet li jkunu mniżżlin fi kwalunkwe ftehim bejn il-Gvern u l-*Unions* kompetenti.

3. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, tkun fuq bażi *full-time* u taqa' taħt ir-regoli u r-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta b'mod ġenerali, u fid-Diviżjoni għall-Politika Ekonomika fil-Ministeru tal-Finanzi b'mod partikolari. Il-persuni nominati jistgħu jiġi trasferiti skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku.

4. Fost affarijiet oħra, l-persuna magħżula tkun meħtieġa li tagħmel xogħol ta' riċerka, analiżi ta' l-ekonomija, żamma ta' *data* ta' l-istatistika u preżentazzjoni ta' rapporti ekonomiċi u dokumenti oħra.

5. L-applikanti għandhom:-

(i) ikunu ċittadini Maltin jew ta' Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

(ii) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża;

(iii) ikollhom ta' l-anqas *first degree* fl-Ekonomija, fl-Istatistika, fl-*Accountancy*, fil-Kummerċ, fil-*Finance* jew fil-*Banking* jew *degree* jew kwalifika professjonali ekwivalenti

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Economics Officer in the Economic Policy Division in the Ministry of Finance

The Public Service Commission invites applications for the posts of Economics Officer in the Economic Policy Division in the Ministry of Finance.

2. The salary for the post of Economics Officer is Lm5,416 per annum rising by annual increments of Lm175 up to a maximum of Lm6,466 (Salary Scale 10).

2.1 Subject to satisfactory performance, an Economics Officer will progress to Scale 9 (Lm5,750 x Lm192 - Lm6,902) on completion of two years service in the grade.

2.2 An Economics Officer will be promoted to the grade of Senior Economics Officer in Scale 8 (Lm6,120 x 209 - Lm7,374) on completion of ten (10) years service in the grade of Economics Officer, or eight (8) years if in possession of a recognised and appropriate post-graduate qualification, subject to satisfactory performance. A Senior Economics Officer will progress to Scale 7 (Lm6,520 x 228 - Lm7,888) on completion of two (2) years service in the grade, subject to satisfactory performance.

2.3 The appointees will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions as may be stipulated in any pertinent agreement between the Malta Government and the competent Unions.

3. The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis and is subject to the rules and regulations governing from time to time the Malta Public Service in general and the Economic Policy Division in the Ministry of Finance in particular. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

4. The selected applicants will be required, inter alia, to undertake research work, perform economic analysis and compile statistical data, economic reports and other documents.

5. Applicants must be: -

(i) citizens of Malta or of a European Union Member State;

(ii) able to communicate in the Maltese and English Languages;

(iii) in possession of at least a recognised first degree in Economics, Statistics, Accountancy, Commerce, Finance or Banking or other recognised degrees or equivalent

rikonoxxuta oħra b'waħda minn dawn id-dixxiplini bħala s-suġġett prinċipali. Jiġu kkunsidrati wkoll dawk il- kandidati li jkollhom mill-anqas lawrja bl-unuri fil-*Public Policy,* jew Relazzjonijiet Internazzjonali jew Studji Ewropej basta jkunu kisbu b'suċċess *credits* fl-Ekonomija jew Finanzi jew Statistika;

(iv) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma impjegati tal-Gvern ta' Malta għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form (GP 47);* dawk il-persuni li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku Malti għandhom jippreżentaw ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, kif ukoll jgħidu jekk qatt kienu jaħdmu mal-Gvern ta' Malta, u jagħtu d-dettalji).

6.1 Applikazzjonijiet jintlaqgħu wkoll mingħand *undergraduates* li se jiggradwaw bi grad imniżżel f'paragrafu 5(iii) matul is-sena akkademika 2004-2005, sakemm jissodisfaw ukoll kundizzjonijiet f'paragrafi 5 (i), 5 (ii) u 5 (iv).

6.2 Applikanti magħżula taħt paragrafu 6.1 isiru biss eliġibbli għall-ħatra bħala *Economics Officer* wara li jkunu temmew b'suċċess l-istudji tagħhom u jkunu ġabu l-approvazzjoni ta' l-Università li kkwalifikaw għad-*degree*.

6.3 Applikanti taħt dan il-paragrafu jiġu kkunsidrati biss jekk ma jkunx hemm biżżejjed applikanti addattati taħt paragrafu 5.

7. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilita (KNDP) jistgħu jgawdu minn bdil raġonevoli skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilita), (Kap. 413), anki jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibilità għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

Is-sottomissjonijet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNDP. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibilità u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi ndirizzata lid-Dipartiment riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNDP.

8. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

professional qualifications with any of these disciplines as a major area of study. Candidates with at least an honours degree in Public Policy or International Relations or in European Studies, would also be considered, provided that they have successfully obtained course credits in Economics or Finance or Statistics;

(iv) of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); those applying from outside the Malta Public Service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than six (6) months from the closing date of this call for applications and state whether they have ever been in the Malta Government Service, giving details).

6.1 Applications will also be considered from undergraduates who expect to obtain a degree listed in paragraph 5 (iii) during the 2004-2005 academic year, provided they satisfy the conditions under paragraphs 5 (i), 5 (ii) and 5 (iv).

6.2 Applicants under paragraph 6.1 will only become eligible for appointment as Economics Officers on the successful completion of their studies and on obtaining the approval of the University for the award of the degree.

6.3 Applicants under this paragraph will only be considered if there are not enough suitable applicants under paragraph 5.

7. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Section 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and the approval of the Public Service Commission.

